MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 593/2006

**Anthony C. Borda (I.D. 722031M)**

**Vs**

**Aaron Haroun**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u disghin Liri Maltin (Lm192), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra illi waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2006 il-konvenut ghadda seduta stante il-pagament relattiv ghas-sorte tal-kawza u dan fl-ammont ta' Lm 192.00 filwaqt illi l-istess

konvenut iddikjara li qed jikkontesta t-talba ghall-imghax u l-ispejjez.

Billi ghalkemm gie akkordat tmintax-il gurnata ghall-prezentata tar-risposta, il-konvenut naqas milli jaghmel dan.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili), limitatament ghall-ispejjes relattivi ghal din l-istanza;

Ra illi l-konvenut ma deherx la fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant in vista tal-verbal tas-27 ta' Ottubru 2006, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba dwar is-sorte, jilqa' t-talba dwar l-ispejjez u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------